MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 217/1998/1

Richard Ellis fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju ta' l-imsiefer Anton Ellis u b'digriet tat-28 ta' Ottubru 2003 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Richard Ellis f'ismu proprju u kif ukoll ghan-nom ta' ommu msiefra Maria Ellis stante l-mewt ta' Anthony Ellis

Vs

Gulia Grech

Il-Qorti,

**F'din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas ta' danni u penali kontemplati mil-ligi in segwitu ghall-hrug provizorju ta' mandati ta' inibizzjoni li eventwalment gew michuda.**

Rat ic-citazzjoni prezentata fis-26 ta' Ottubru 1998 li permezz taghha l-atturi ppremettew li:

L-atturi jikri minghand il-konvenuta l-fond numru 44, Triq Putirjal, Victoria, Ghawdex. Dan il-fond kien mikri biex jintuza bhala general store, fl-intendiment biex jintuza ghal bejgh ta' generi varji.

Fl-1996 l-attur beda xogholijiet sabiex jimmodernizza l-istess post u anki jvarja l-generu tan-negozju.

Permezz ta' mandate ta' inibizzjoni fl-ismijiet Gulia Grech vs Richard Ellis proprio et nomine (numru 313/1997) il-konvenuta talbet illi l-attur jigi mizmum milli jipprocedi biex ivarja n-negozju li kien jigi ezercitat minnu. Waqt is-smiegh tal-mandat, it-talba tal-konvenuta giet milqugha b'mod provizorju sabiex ma jithallix li jsir il-ftuh tan-negozju kif kien intenzjonat.

B'mandat iehor numru 705/1996 il-konvenuta talbet ukoll li l-attur jinzammi milli jaghmel xogholijiet strutturali fil-fond u fuq il-gurament ta' Anthony Grech, ottjniet it-twaqqif tax-xoghol kollu ta' tlestija.

Dawn iz-zewg mandati gew michuda u bil-waqfien provizorju gew kagunati danni lill-attur.

Dawn il-mandati gew ottjenuti minghajr raguni valida fil-Ligi f'cirkostanzi li jrendu lill-konvenuta responsabbli ghall-hlas tad-danni, interessi u anki penali lill-attur.

Talbu l-atturi sabiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddecidi li d-digrieti provizorji fil-mandati fuq imsemmija gew ottjenuti invalidament minghajr ma kienu japplikaw ir-rekwiziti stabbiliti mil-Ligi ghall-hrug ta' tali mandat.
2. Tiddikjara li l-konvenuta hi tenuta li thallas lill-attur id-danni, interessi u jew penali skond il-ligi.
3. Tillikwida u tiffissa l-ammont tad-danni, interessi u penali.
4. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur l-ammont hekk likwidat.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenuti fid-9 ta' Dicembru 1998 (fol. 7) li permezz taghha eccepew:-

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.
2. L-azzjoni attrici hi bazata fuq il-premessa li *"d-digriet provizorji….. gew ottenuti invalidament u minghajr ma kienu japplikaw ir-rekwiziti stabbiliti mil-ligi ghall-hrug ta' tali mandat."*. Ghalhekk il-Qorti ghandha tillimita l-ezami taghha biss sabiex tara jekk ir-rekwiziti kienux jezistu jew le, u gialdarba jirrizulta, li r-rekwiziti kienu jezistu, it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti.
3. Il-fatt biss li l-konvenuta ipprovat tipprotegi d-drittijiet taghha billi talbet l-ispedizzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni anke ghalkemm gie michud, ma jrendihiex responsabbli ghad-danni li qeghdin jintalbu mill-attur.
4. L-attur ma sofra l-ebda danni.

Rat l-atti kollha kif ukoll l-atti tal-mandati ta' inibizzjoni numru: 705/96 u 313/97.

Rat ukoll il-verbal tas-seduta tal-11 ta' April 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:-

(a) **Fid-19 ta' Novembru 1996** il-konvenuta pprezentat rikors (numru 705/96) u talbet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-atturi sabiex jinzammu milli jbiddlu *"…il-generi tan-negozju tal-fond mikri lilu u l-fond numru 44 Main Gate Street, Victoria Gozo mikri ghand l-intimat Anton Ellis bhala hanut ta' household appliances minn xi generi iehor bhala qed jghid li ser jaghmel l-intimat l-iehor Richard Ellis u senjatament bhala hanut tal-hwejjeg, drapp u zraben…."*.
(b) L-attur isostni li hu ried jiftah hanut relatat mal-fotografija.
(c) B'digriet moghti fl-24 ta' April 1997, il-Qorti ordnat li provizorjament Richard Ellis u Anton Ellis m'ghandhomx jaghmlu dak indikat fir-rikors prezentat minn Gulia Grech.

(d) B’digriet moghti fit-18 ta’ Gunju 1998, it-talba ta’ Gulia Grech giet michuda u l-Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet moghti fl-24 ta’ April 1997 li bih kienet provizorjament laqghet it-talba tal-konvenuta.
(e) **Fit-30 ta’ April 1997** il-konvenuta pprezentat rikors (numru 313/97) u talbet il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-atturi sabiex fil-fond 44, Main Gate Street, Victoria Ghawdex ma jaghmlux *water closet* u ma jaghmlux komunikazzjoni mas-sistema tad-drenagg tal-fond numru 45. B’digriet moghti dakinhar stess, il-Qorti provizorjament laqghet it-talba.
(f) B’digriet moghti fit-2 ta’ Mejju 2007 (rikors numru 313/97), il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenuta *“peress illi l-Qorti mhix sodisfatta li r-rikorrenti ghandu xi drittijiet jew li dan il-mandat hu mehtieg sabiex jigu protetti dawn id-drittijiet.”*.
(g) Permezz ta’ dawn il-proceduri l-atturi qeghdin jitolbu sabiex:-

(i) Jigi dikjarat li d-digrieti provizorji fil-mandati fuq msemmija inghataw *“….invalidament minghajr ma kienu japplikaw ir-rekwiziti stabbiliti mill-Ligi ghall-hrug ta’ tali mandat.”*.
(ii) Jigi dikjarat li l-konvenuta hi responsabbli li thallas lill-attur id-danni, interessi u/jew penali skond il-ligi.
(iii) Issir likwidazzjoni u hlas ta’ danni.

2. Fis-sentenzi **Piju Borg vs Mary Calleja** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri fit-12 ta’ Gunju 2007 u **Dr. Martin Cutajar et vs Roy Fleming et** tat-12 ta’ Gunju 2008 deciza minn din il-Qorti, il-Magistrat sedenti diga’ kellu l-opportunita’ li jikkunsidra l-principji relatati ma’ kawza ghad-danni u penali wara l-hrug ta’ mandat kawtelatorju. Rilevanti hi s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell[1] fil-kawza fl-ismijiet **John Debono vs Gianna Cauchi et** deciza fit-12 ta’ Settembru 2008 li fiha rassenja ta’ gurisprudenza dwar danni in konsegwenza ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni li baqa’ pendenti ghal numru ta’ snin u sussegwentement il-kawza ghall-jedd pretiz mill-attur kienet giet michuda.

---

[1] Imhallef P. Sciberras.

Jidher li l-ilment tal-atturi hu l-fatt li nghataw digrieti provizorji li permezz taghhom l-atturi gew inibiti milli jbiddlu l-generu ta’ negozju minn gewwa l-fond 44, Triq Putirjal, Victoria, Ghawdex u jaghmel certu xoghol gewwa l-istess fond, meta jsostnu li ma kienux jezistu r-rekwiziti mehtiega mil-ligi ghall-hrug tal-mandati. Hu fatt li l-Qorti ghandha l-awtorita’ li qabel tipprovdi defenittivament fuq it-talba, tordna l-hrug provizorju ta’ mandat ta’ inibizzjoni (ara Art. 873(7) tal-Kap. 12 qabel l-emenda li saret bl-Att XIV tal-2006 u fejn din l-awtorita’ hi llum kontemplata fl-Artikolu 875). Pero’ f’dak l-istadju ma jfissirx li l-qorti tkun qeghda taghmel xi ezercizzju fis-sens li tkun qeghda tikkonkludi li jezistu r-rekwiziti mehtiega mil-ligi ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni. Anzi normalment fil-prattika din l-ordni, li hi fakoltattiva, tinghata hekk kif jigi prezentat ir-rikors li bih issir talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni meta dan ikun ghadu ma giex notifikat lill-intimat, u ghalhekk f’dak l-istadju l-qorti jkun ghad m’ghandix il-verzjoni tal-intimat. Id-digriet li bih jigi ordnat il-hrug provizorju ta’ mandat ta’ inibizzjoni hu mezz kif il-qorti tizgura li l-affarijiet jibqghu dak li huma sakemm ir-rikors jigi trattat u jinghata digriet finali. Sfortunatament hu fatt li qabel l-emendi ricenti, meta l-legislatur impona terminu perentorju ta’ xahar li fih ghandu jinghata d-digriet finali, kien hemm diversi kazijiet fejn dawn ir-rikors kienu jaghmlu snin pendenti. Fir-realta’ l-hsara tkun qeghda ssir mhux mill-fatt li jkun gie prezentat rikors simili imma li jkun dam is-snin pendenti.

Ma jfissirx li jekk it-talba ghall-hrug tal-mandat tigi eventwalment michuda, allura r-rikorrent hu awtomatikament responsabbli ghall-hlas ta’ danni u penali. Il-Qorti taqbel ma’ dak li qalet il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet: **Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri[2] deciza fl-10 ta’ Jannar 1992** meta osservat li l-fatt li t-talba tal-attur tkun giet michuda ma jfissirx li ghandu jwiegeb ghad-danni u wisq inqas li kellu xi obbligu li jaccerta ruhu li ghandu d-dritt li jiehu azzjoni. Il-Qorti

[2] Imhallef J. Said Pullicino.

osservat li interpretazzjoni differenti tkun tfisser li *"….kull min jitlef kawza ikun passibbli ghad-danni mill-parti rebbieha. Anki jekk il-parti telliefa tkun il-konvenut lib l-opposizzjoni tieghu ghat-talba attrici ikun arreka dewmien, u konsegwentement danni, sakemm tigi determinata l-kawza.* ***Tezi simili tkun timporta illi huma l-partijiet fil-kawza u mhux il-gudikant li jkunu effettivament il-veri interpreti w arbitri tad-drittijiet li jirregolaw r-relazzjonijiet ta' bejniethom. Dan hu manifestament inaccettabbli.***"*. Principju li l-Qorti qalet li japplika wkoll ghall-mandati kawtelatorji.

3. Fil-fehma tal-Qorti t-talba tal-atturi fir-rigward tal-mandat ta' inibizzjoni numru 313/97 hi ghal kollox pwerili. Ir-rikors gie prezentat fit-30 ta' April 1997 u fit-2 ta' Mejju 1997 il-Qorti cahdet it-talba ta' Gulia Grech ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Dan apparti l-fatt li mill-provi rrizulta li f'dak iz-zmien Ellis kienu behsiebhom jbiddlu l-generu tan-negozju u kienu diga' gew provizorjament mizmuma milli jaghmlu hekk b'digriet 24 ta' April 1997. Inoltre, Giulia Grech bhala s-sid kellha kull jedd li titlob l-intervent tal-Qorti biex tiddefendi l-interessi taghha fil-fond numru 45, Main Gate Street, Victoria, Ghawdex. M'hemmx dubju li l-gurisprudenza[3] taghti ragun lit-tezi tal-konvenuta. Il-fatt li t-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni tkun giet michuda ma tissarrafx awtomatikament f'responsabbilta' ghad-danni fuq min ikun talab il-hrug tal-mandat. Bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' jinghad li f'dawn ic-cirkostanzi partikolari bil-fatt li t-talba tal-konvenuta giet milqugha provizorjament, l-atturi sofrew xi tip ta' danni.

4. Ghal dak li jikkoncerna l-mandat ta' inibizzjoni numru 705/96 prezentat fid-19 ta' Novembru 1996, tista' tghid li l-proceduri damu pendenti 'l fuq minn sentejn sakemm inghata l-provvediment finali. Kien b'digriet moghti fl-24 ta' April 1997 li t-talba ta' Gulia Grech giet milqugha provizorjament. Sussegwentement il-mandat

[3] Ara f'dan ir-rigward dik il-parti tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta prezentata fil-25 ta' Awwissu 2008 u ntestata ***"Kunsiderazzjonijiet Legali Relatati mal-Fatti kif Esposti."***.

baqa' fis-sehh sakemm fit-18 ta' Gunju 1998 il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenuta. Ghalhekk il-konvenut kien mizmum milli jibdel il-generu tan-negozju ghall-perjodu ta' erbatax-il xahar u mhux tlett (3) snin[4]. Inoltre mix-xiehda moghtija minn Benny Sultana fil-kors tas-smiegh tar-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni[5] jirrizulta li sa dak iz-zmien kien ghadu qieghed isir ix-xoghol fil-hanut. Jekk kif ighidu l-atturi sofrew xi danni dan seta' kien biss wara li fl-24 ta' April 1997 giet milqugha t-talba tal-konvenuta b'mod provizorju. Fit-18 ta' Gunju 1998 il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenuta wara li:-

(a) *"….mill-ktieb ta' l-ircevuti esebit jirrizulta illi kien hemm perjodu bejn l-1990 u l-1996 fejn ghal xi raguni jew ohra r-rikorrenti rrilaxxjat ircevuti tal-kera fejn il-fond in kwistjoni gie deskritt bhala 'general store'. Billi ghalhekk ma jidhirx prima facie illi l-inkwilin gie prekluz milli jibdel il-generu tan-negozju li jiggestixxi mill-fond in kwistjoni"*.

(b) *"fi kwalunkwe kaz jekk u meta jkun attwalment sar dan il-bdil ta' negozju, r-rikorrenti dejjem tista' tfittex li tizgombra lill-intimat nomine bi proceduri quddiem il-Bord tal-Kera, minhabba bdil ta' destinazzjoni ta' fond mikri minghajr l-awtorizazzjoni tas-sid, u ghalhekk il-pregudizzju allegat ikun dejjem jista' jigi rimedjat bir-ripreza ta' l-istess fond f'kaz li tinghata ragun."*.

Il-Qorti ser terga' ttenni li l-fatt li l-konvenuta ghamlet talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni li giet milqugha provizorjament u li eventwalment giet michuda, ma jfissirx li b'daqshekk saret responsabbli ghad-danni[6]. Fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-attur[7] jinghad: *"…. L-oneru fuq il-konvenuta (rikorrenti fil-mandat ta' inibizzjoni) kien doppju billi ried jigi ppruvat: (i) li hija kellha xi jeddijiet prima facie li ser jigu miksura jew ippregudikati u (b) li dan*

---

[4] Ara xhieda ta' Richard Ellis fis-seduta tal-25 ta' April 2006 (fol. 37).
[5] Seduta tal-24 ta' Mejju 1997.
[6] Fil-kawza **S.N. Properties Limited vs George Camilleri et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Gunju 2000 gie osservat li c-cahda ta' mandat ta' inibizzjoni *".....ma jaghtiex ut sic id-dritt ta' danni awtomatici nascenti biss mill-istess cahda, izda sabiex tirnexxi tali azzjoni ta' danni, irid ikun hemm element ta' malizzja, dolo, u vesstorjeta' jew frivolezza fit-talba tal-hrug tal-istess."*.
[7] 19 ta' Gunju 2008 (ara fol. 82 u 83).

*seta' jkun kagun ta' danni ghall-konvenuta….. fil-fehma umli tal-esponenti, dawn ir-rekwiziti fuq imsemmija ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ma kienux jikkonkorru fil-kaz in ezami."*. Mill-provvediment finali hu evidenti li l-Qorti waslet ghal konkluzjoni li f'dan il-kaz ma kienux jezistu l-elementi rikjesti mil-ligi sabiex tigi milqugha talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. F'dan l-istadju m'huwiex isir xi ezercizzju ta' revizjoni tad-digriet tal-24 ta' April 1997. Dak hu gudizzju li waslet ghalih il-qorti li tat id-digriet finali. Ovvjament hi l-qorti li quddiemha jkun gie trattat ir-rikors li trid taghmel l-apprezzament mehtieg biex tqies jekk jezistux l-elementi rikjesti mil-ligi ghall-hrug tal-mandat. Pero' l-fatt li qorti tichad it-talba ghaliex tikkunsidra li ma gewx sodisfatti l-elementi rikjesti mil-ligi, ma jfissirx li min ghamel it-talba kien imprudenti, traskurat, jew naqas mill-ghaqal ta' missier tajjeb tal-familja u allura ghandu jirrispondi ghal danni.

Il-konvenuta kienet qeghda tippretendi li l-attur ma kellux il-jedd li jibdel il-generu tan-negozju li jezercita minn gewwa l-fond mikri ghandu. Hu veru li fost ir-ricevuti tal-kera li gew prezentati mill-atturi (fl-atti tal-inibizzjoni numru 795/96[8]) hemm minnhom[9] li jghidu li l-fond hu mikri bhala hanut *"general store"*. Pero' kieku wiehed kellu jaddotta l-istess ragunament, fl-ahhar ricevuta (20 ta' Novembru 1996) id-destinazzjoni tal-fond hi hanut ta' *household appliances*. Wiehed irid jiftakar ukoll li fi proceduri ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni l-Qorti tkun qeghda tasal ghal decizjoni fuq bazi ta' *prima facie* biss. Il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-atturi li l-fatt li t-talba tal-konvenuta giet michuda, allura *"…. hi fiha nnifisha konferma tal-fatt li dan il-mandat ta' inibizzjoni sar b'mod vessatorju u sempliciment bl-ghan li jwaqqaf lill-atturi billi jibdew in-negozju taghhom b'konsegwenza li gew kagunati lilhom diversi danni."* (fol. 92). Kif tajjeb argumenta l-abbli d-difensur tal-konvenuta, ir-responsabbilta' ghad-danni ma tiddependix mic-cahda tat-talba; *"Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser*

[8] Fol. 61-.68.
[9] Ricevuti li jirreferu ghall-perjoud mit-30/10/1990 sal-31/1071996.

*necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. "Non e' in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale ilriconoscimento, sebbene non vi riesca" (**"Demajo vs Page"** - Vol. XV. Pg. 34. P.A. 24. 1. 1895)."* (**Vincent Mercieca vs George Galea** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Novembru 2001[10]). Inoltre, il-Qorti m'hijiex tal-fehma li f'din il-kawza tressqu provi sodisfacenti li l-ftehim lokatizju kien ta' hanut li jista' jintuza ghal kwalsiasi skop. F'dan is-sens issir riferenza ghax-xiehda tal-attur Richard Ellis (seduta tal-25/4/2006) li spjega li l-kera kienet giet awmentata minn Lm18 fis-sena ghal Lm350 fis-sena *"…u nkun nista nbiddel, inkun nista' nirranga l-hanut."* (fol. 36). Mistoqsi: *"U fuq it-tip t'affarijiet li tista' tbiegh mill-hanut x'kontu ftehmna (recte, ftehemtu) ?"*, wiegeb: *"Konna ftehemna li niftah Cafetteria dak iz-zmien."*. Xiehda li tikkontrasta ma' dik ta' missieru, Anton Ellis, li nghatat fil-kors tas-smiegh tal-mandat ta' inibizzjoni. Dan apparti l-fatt li l-konvenuta ssostni[11] li l-kera kienet giet awmentata meta rrikonoxxiet lill-attur Anton Ellis (li miet fil-mori ta' din il-kawza). Verzjonijiet li huma konfliggenti ghal xulxin. Mill-provi li tressqu l-Qorti m'hijiex moralment konvinta li l-pretensjoni li l-konvenuta riedet tikkawtela bil-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kienet minghajr bazi kemm fil-fatt u fid-dritt. Inoltre, apprezzament hazin tal-fatti m'huwiex sufficjenti sabiex jaghti lok ghad-danni kontra min ikun talab il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni.

5. Ghalkemm hu minnu li l-konvenuta kien xorta jkollha rimedju f'kaz li jsir il-bdil ta' destinazzjoni tal-fond mikri bi ksur tal-ftehim lokatizju[12], b'daqshekk ma jfissirx li ma kellix il-jedd li titlob il-protezzjoni tal-Qorti. Il-konvenuta ssostni li l-ftehim kien li l-fond kellu jintuza biss ghal *"household appliances"* u kellha kull interess li tizgura li dak pattwit jibqa' jigi osservat. Dan setghet taghmlu billi titlob il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, irrispettivament tal-

---

[10] Imhallef R. Pace.

[11] Ara wkoll xiehda ta' Anthony Grech moghtija fil-kors tas-smiegh tal-mandat ta' inibizzjoni

[12] Billi taghmel proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera sabiex il-kirja ma tigix imgedda u tirriprendi l-pussess tal-fond.

konkluzjoni li waslet ghaliha l-Qorti. Ghall-istess ragunijiet, il-qorti ma tqiesx li hemm lok li tigi mposta xi penali fuq il-konvenuta, wara li qieset ukoll ic-cirkostanzi kontemplati mil-ligi f'dan ir-rigward (ara Artikolu 836[8] tal-Kap. 12). Dan minkejja l-fatt li l-penali tista' dejjem tigi nflitta minkejja li parti ma tkunx sofriet hsara, kuntrarjament ghal kaz ta' rizarciment tad-danni li m'huwiex fakoltattiv, in kwantu hu bazat fuq ir-realta' u l-entita' tal-hsara diment li ssir il-prova taghhom.

6. Punt iehor rilevanti li jissemma hu kif permezz tal-ewwel talba l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li d-digrieti provizorji gew ottenuti meta ma kienux japplikaw ir-rekwiziti stabbilit mil-ligi ghall-hrug tal-mandati. Minn qari tac-citazzjoni jidher li t-tieni, tielet u r-raba' talba huma konsegwenzjali ghall-ewwel talba. Diga' nghad li l-fatt wahdu li qorti tkun cahdet it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ghaliex tkun waslet ghal gudizzju li ma jkunux gew sodisfatti l-elementi rikjesti mil-ligi ghall-hrug tieghu, m'huwiex fih innifsu bizzejjed biex tigi milqugha talba ghall-hlas ta' danni u penali.

Ghal dawn il-motivi u ragunijiet moghtija l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad it-tieni eccezjoni u tilqa' l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuta, tichad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------